MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 60/2007/3

**Anthony Attard, Anthony Attard,**
**Armando Chircop u Anthony Spiteri**

**v.**

**Unjoni Haddiema Maghqudin, Malta Maritime Authority**
**(li llum tidher flokha l-Awtorita` tat-Trasport f'Malta),**
**l-Onorevoli Prim Ministru, Il-Ministru ghall-Kompetittivita`**
**u l-Komunikazzjonijiet u l-Avukat Generali**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti Prim Ministru, Ministru għall-Kompetitività, u Avukat Ġenerali u appell inċidentali tal-atturi minn sentenza mogħtija fis-26 ta' Settembru 2013 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha illi illikwidat danni għall-ksur ta' jeddijiet fondamentali mġarrba mill-atturi.

2. L-atturi, li kienu *foremen* tal-Ħaddiema tal-Port, fetħu din il-kawża biex jiksbu rimedju biex jitħares il-jedd tagħhom ta' proprjetà taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["l-Ewwel Protokoll"], u biex ma ssirx diskriminazzjoni kontriehom fit-tgawdija ta' dak id-dritt taħt l-art. 45 tal-Kostituzzjoni u l-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"]. Qalu illi dawn id-drittijiet tagħhom kienu sejrin jinkisru jekk, bis-saħħa tar-Regolamenti tal-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port (Emenda Nru 2) (Avviż Legali 437 tal-2007), maħruġa taħt l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port [Kap. 171], jiġu implementati ċerti miżuri, fosthom dik illi l-*foremen*, bħall-ħaddiema l-oħra tal-port, ikollhom jirtiraw meta jilħqu l-età ta' 61 sena.

3. L-atturi għalhekk kienu talbu illi l-qorti:

    4. tgħid illi l-liċenza li għandhom, u li ilha għandhom, l-atturi bħala *foremen* fix-xogħol tal-port hija dritt ta' proprjetà u ma tistax titteħdilhom ħlief kif stabbilit fil-liġi, meqjus ukoll l-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll;

    5. tgħid illi kull ftehim, nuqqas ta' tiġdid tal-liċenza, jew li l-atturi jkunu mġiegħla li jirtiraw huma ksur tad-dritt imħares taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u l-art. 37 tal-Kostituzzjoni, u li n-nuqqas ta' tiġdid tal-liċenza jew li l-atturi jkunu mġiegħla b'regolament li

jirtiraw mix-xogħol huma ksur tal-art. 14 tal-Konvenzjoni meħud flimkien mal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, u l-art. 45 tal-Kostituzzjoni;

6. iżżomm lill-intimati milli b'xi mod iċaħħdu lill-atturi mid-dritt imsemmi fl-ewwel talba, la direttament u lanqas indirettament, billi jaslu f'xi ftehim ma' nies oħra li għandhom liċenza, jew billi ma tiġġeddidx il-liċenza tal-atturi, jew billi jsir regolament ħalli jġegħelhom jirtiraw mix-xogħol;

7. minħabba l-urġenza tal-kwestjoni, u u billi hemm fis-seħħ mandat ta' inibizzjoni, u biex ma titħalliex il-possibilità li b'nuqqas ta' tiġdid jew b'regolament isiru l-vjolazzjonijiet, tagħti *pendente lite* rimedji biex ma jinbidilx l-istat attwali, u b'hekk jinġiebu fix-xejn l-effetti tal-mandat u jitwettqu l-vjolazzjonijiet li dwarhom sar ir-rikors; u

8. tgħid li l-Avviż Legali 437 tal-2007 huwa bi ksur tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni għax *ultra vires* .

9. B'sentenza preliminari mogħtija fis-7 ta' Novembru 2011 u konfermata minn din il-qorti fit-28 ta' Ġunju 2012 il-qorti iddeċidiet hekk:

> "illi nkiser il-jedd tal-atturi għall-ħarsien tal-proprjetà tagħhom taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, safejn, bis-saħħa tal-Avviż Legali 437 tal-2007 li ma jiswiex għax *ultra vires* f'dik il-parti tiegħu li jistabilixxi l-età meta l-atturi kellhom jirtiraw mix-xogħol, ma iġġedditx il-liċenza tagħhom ta' *foremen* tal-Ħaddiema tal-Port. Billi l-istess avviż legali, f'dik il-parti msemmija, ma jiswiex u ma għandu ebda effett, diskriminatorju jew mhux, ma tqisx it-talba taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni.

"Għal dan il-ksur għandu jwieġeb il-Gvern ta' Malta li, f'din il-kawża, jidhru għalih il-Prim'Ministru, il-Ministru għall-Kompetitività u l-Komunikazzjonijiet u l-Avukat Ġenerali iżda ma jwiġbux għalih il-konvenuti *Unjoni Ħaddiema Magħqudin* u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta billi ma kinux dawn li ħarġu l-avviż legali.

"Tordna li jitkompla s-smigħ għall-għanijiet ta' trattazzjoni dwar rimedju xieraq għal dan il-ksur, u tipprovdi dwar l-ispejjeż fis-sentenza finali."

10. Bis-sentenza mbagħad tas-26 ta' Settembru 2013 li minnha saru l-appell u l-appell inċidentali l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

"… tikkundanna lill-Gvern ta' Malta kif rappreżentat mill-intimati, [iħallas] is-somma ta':

"1. mitejn erbgħa u sittin elf disa' mija u tlettax-il euro (€264,913) lil Armando Chircop; mitejn u tmintax-il elf u ħames mitt euro (€218,500) lil Anthony Attard (ID numru 579445M); mija u disgħin elf euro (€190,000) lil Anthony Spiteri; u sitta u ħamsin elf euro (€56,000) lil Anthony Attard (ID numru 224645M) bħala kumpens għat-telf ta' qligħ u bl-imgħax mil-lum;

"2. sitt elef euro (€6,000) lil kull wieħed mir-rikorrenti bħala kumpens għal danni mhux pekunjarji u bl-imgħax mil-lum.

"Spejjeż huma a karigu tal-intimati b'dan li l-ispejjeż ta' dawk l-intimati li kienu ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju b'sentenza preċedenti huma a karigu tar-rikorrenti."

11. L-ewwel qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Dan il-każ kien jittratta kontestazzjoni dwar l-Avviż Legali 437 tal-2007 f'dik il-parti li kien jistabbilixxi l-età meta r-rikorrenti kellhom jirtiraw mix-xogħol u b'hekk ma ġietx imġedda l-liċenza ta' *foreman* tal-Ħaddiema tal-Port. Fis-sentenza li tat din il-qorti fis-7 ta' Novembru 2011, hemm rijassunt tal-fatti:

""Fost il-mizuri li sar qbil dwarhom kien hemm dik illi l-*foremen*, bħall-ħaddiema l-oħra tal-port, jirtiraw meta jilħqu l-età ta' 61 sena; dawn il-miżuri kienu ġew implementati fl-Avviż Legali 437 tal-2007 li nħareg taħt l-art. 17 tal-Kap. 171. L-atturi lkoll għalqu l-61 sena u għalhekk jintlaqtu b'din l-emenda, li jgħidu li ċċaħħadhom mill-proprjetà tal-liċenza u hija kontradittorja. Ma huwiex kontestat illi, ukoll qabel ma nħareg dan l-avviż legali, il-liċenza ta' *foremen* tal-ħaddiema tal-port kienet tingħata għal sena u tiġġedded minn sena għal sena u dik tal-atturi, bħal tal-*foremen* l-oħra, għalqet fil-31 ta' Diċembru 2007. Billi fl-1 ta' Jannar 2008 ġà kellhom 61 sena jew aktar, il-liċenza ma

> ġġedditilhomx minn dakinhar, ħlief għall-attur Armando Chircop, li għalaq 61 sena fit-23 ta' April 2008 u l-attur Anthony Spiteri li għalaq 61 sena f'Diċembru 2008".

"Fis-sentenza l-qorti qalet li kien inkiser id-dritt tar-rikorrenti għall-ħarsien ta' proprjetà taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, wara li l-qorti kkonkludiet li:-

"i. il-liċenza ta' *foreman* li kellhom ir-rikorrenti kienet possediment, u n-nuqqas ta' tiġdid ta' liċenza jiswa daqs teħid tal-liċenza. Dan kien jitlob li t-teħid isir bis-saħħa ta' liġi li tiswa;

"ii. ir-regolament dwar l-irtirar mandatorju, introdott bl-Avviż Legali 437 tal-2007, kien *ultra vires* il-poteri tal-ministru ġaldarba fl-*enabling law* (Kap. 171) il-ministru responsabbli ma kellux l-awtorità li jimponi d-data meta nies bħar-rikorrenti, li kienu *self-employed*, kellhom jirtiraw (artikolu 17).

"Il-qorti qalet ukoll li għal dan il-ksur għandu jwieġeb il-Gvern ta' Malta, li fil-kawża qegħdin jidhru għalih il-Prim'Ministru, Il-Ministru għall-Kompetitività u l-Komunikazzjonijiet u l-Avukat Ġenerali. B'hekk l-intimati l-oħra ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Sentenza li ġiet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza oħra tat-28 ta' Ġunju 2012.

"S'issa ġew deċiżi l-ewwel, it-tieni u l-ħames talbiet.

"Talbiet ohra huma:

> ""3. Tordna lill-intimati jew lil min minnhom li bl-ebda mod ma jispussessaw lir-rikorrenti mid-dritt imsemmi fl-ewwel talba, la direttament u lanqas indirettament, billi jaslu f'xi ftehim ma' nies oħra li għandhom liċenza, jew billi ma tiġġeddidx il-liċenza tal-esponenti, jew billi jsir regolament ħalli jiġu forzati li jirtiraw mix-xogħol;
>
> ""4. *Stante* l-urġenza tal-kwistjoni, u *stante* li hemm il-mandat ta' inibizzjoni, u biex ma titħalliex il-possibilità li b'nuqqas ta' tiġdid jew b'regolament isiru l-vjolazzjonijiet, li din l-onorabbli qorti tagħti *pendente lite* dawk ir-rimedji ħalli tassigura li ma jinbidilx l-istat attwali, u b'hekk jiġu indirettament frustrati l-effetti tal-mandat u mwettqa l-vjolazzjonijiet hawn fuq lamentati".

"Ir-rikors kien preżentat fl-20 ta' Novembru 2007. Illum m'hemmx lok li tingħata lura l-liċenza għaliex fit-2 ta' Frar 2008 kien sar ftehim mal-gvern u li bih ġie miftiehem li x-xogħol ta' *foremen* jingħata lil koperattiva. Ir-rikorrenti ma kinux parti għal tali ftehim. Wara t-trapass ta' dawn is-snin ir-rikorrenti tilfu xogħolhom. L-offerta li jingħataw lura l-liċenza wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Ġunju 2012 kienet għal xejn għaliex ir-rikorrenti kienu diġà ilhom numru ta' snin li tilfu l-liċenza, u għalhekk xogħolhom. Fil-fehma tal-qorti l-uniku rimedju effettiv li jibqa' hu ħlas ta' kumpens.

"Minħabba li l-proċeduri ilhom snin pendenti, ir-rikorrenti ma setgħux jibqgħu jagħmlu dan ix-xogħol ġaladarba l-liċenza ma kenitx qiegħda tiġi mġedda. F'dan ir-rigward Armando Chircop xehed:-

> ““Wara li spiċċat il-kawza saritilna offerta biex nerġgħu nieħdu l-liċenza imma għalija u anki għal shabi din kienet ċajta għaliex ix-xogħol kollu issa wara ħames snin ġie inkanalat lejn il-membri tal-koperattiva li għandhom il-liċenza u ma għadhomx il-klijenti tagħna iżjed. Dawn għaddew f’idejn ħaddieħor b’kuntratt u allura ma nistgħux immorru nġibuhom lura bħala klijenti. Allura l-liċenza tkun kompletament inutli. Għalhekk il-potenzjal tagħna iżntemm. Huwa għalhekk li aħna qed infittxu għal kumpens” (*fol*. 427).

“Il-qorti m’għandhiex raġuni għalfejn tiddubita din il-verżjoni.

“Ir-regolamenti tal-Avviż Legali 437 tal-2007 daħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2008. Għalhekk il-qorti qiegħda tifhem li minn dakinhar min mir-rikorrenti kien diġà għalaq l-età ta’ wieħed u sittin (61) sena ma kellux il-liċenza mġedda.

“Fin-nota ta’ sottomissjonijiet li ppreżenta l-gvern fit-30 ta’ Awissu 2013 jargumenta li:-

“(i) il-qorti għandha diskrezzjoni dwar it-tip ta’ rimedju li tista’ tagħti u mhux tenut li f’kull każ tagħti kumpens bħala rimedju;

“(ii) għalkemm din il-qorti tista’ tagħti kumpens, iżda “ċertament tali kumpens m’huwiex l-istess kumpens li persuna tista’ tottjeni fi proċedura ċivili ordinarja. In fatti meta jingħata kumpens f’kawża kostituzzjonali tali kumpens ikun wieħed baxx u għalhekk individwu ma jistax jippretendi li *tramite* azzjoni kostituzzjonali jottjeni l-istess rimedju li jista’ jottjeni minn azzjoni ċivili ordinarja”.

“Il-qorti ma taqbel xejn ma’ dan it-tip ta’ raġunament. M’hemm xejn x’jipprekludi lir-rikorrenti milli f’dawn il-proċeduri jitolbu u jingħataw kumpens għat-telf ta’ qligħ li sofrew, minkejja li dan il-proċediment m’huwiex kawża ċivili bażata fuq id-dritt tat-tort. Sempliċi dikjarazzjoni li d-drittijiet fundamentali ġew leżi mhu l-ebda rimedju għar-rikorrenti. Il-vjolazzjoni li sofrew ir-rikorrenti hi waħda serja, meqjus li tilfu l-għodda li biha kienu qegħdin jaqilgħu l-għixien tagħhom. Fil-fehma tal-qorti għandhom jingħataw rimedju li kemm jista’ jkun iġibhom fl-istess posizzjoni li kienu jkunu kieku ma daħalx fis-seħħ ir-regolament. … … …

“Il-qorti ser tgħaddi biex titratta l-każ ta’ kull wieħed mir-rikorrenti b’mod individwali:-

“Armando Chircop (ID 414547M).

“Twieled fit-23 ta’ April 1947. Għalhekk għalaq wieħed u sittin (61) sena fit-23 ta’ April 2008.

“Ippreżenta prospett tal-qligħ li kellu għas-snin matul is-snin 2003-2007 (*foll*. 437-442):-

“2003 …… €21,148;
“2004 …… €24,838;
“2005 …… €23,797;
“2006 …… €24,212;

“2007 …… €24,325.

“Ir-rikorrent jippretendi li għal dak li jikkonċerna dħul li kien jagħmel mill-fatt li kellu liċenza, il-kalkoli għandhom isiru fuq dħul ta’ €24,083 għal kull sena. Meta tara d-dħul li kellu matul is-snin 2003-2007, il-qorti tqis li din hi ċifra raġonevoli.

“Ċertament li meta l-qorti tillikwida telf ta’ qligħ futur tkun qiegħda fil-kamp ta’ inċertezza meqjus li m’huwiex magħruf kemm ir-rikorrent kien ser jibqa’ jagħmel dan ix-xogħol. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti:-

“i. Ser tagħmel il-kalkoli sal-età ta’ 71 sena. F’dan il-każ fuq 11-il sena, peress li dan ir-rikorrent għalaq 61 sena fit-23 ta’ April 2008, u allura kien minn dakinhar li ma kienx iktar possibbli għalih li jeżerċita s-sengħa tiegħu. Total ta’ €264,913.

“»ii. M’hijiex ser tnaqqas xi persentaġġ għall-fatt li l-ħlas ser isir f’daqqa, ġaladarba:-

“(a) fil-kalkoli m’hijiex iżżid somma għal awment fir-rata ta’ ħlas meqjus l-indiċi ta’ inflazzjoni;

“(b) jista’ jagħti l-każ li r-rikorrent jibqa’ f’saħħtu lil hinn mill-età ta’ 71 sena.

“(ċ) diġà għaddew kważi sitt (6) snin minn meta daħal fis-seħħ l-Avviż Legali u r-rikorrenti ġew imċaħħda mill-liċenza.

“»(d) illum ir-rikorrent diġà għandu sitta u sittin (66) sena u ma hemmx prova li qiegħed ibati minn xi mard terminali li jirrendih inkapaċi li jkompli jaħdem kieku għad għandu l-liċenza.

“Ir-rikorrent għamel ukoll riferenza għall-kumpannija *Jack Chircop Limited* li jgħid li kienet *stevedoring company* u qal li b’riżultat li ma tkomplietx tiġġeddidlu l-liċenza, sofra telf ta’ qligħ ta’ 60% tal-introjtu li kellha. Fil-fatt ippreżenta tagħrif relatat mad-dħul li kellha matul is-snin 2003 sal-2007. Però din il-kumpannija m’hijiex parti għal dawn il-proċeduri. Jekk kien hemm xi telf dan sofrietu *Jack Chircop Limited* li għandha l-personalità ġuridika indipendenti minn dik tal-azzjonisti. Ma saritx prova li l-kumpannija kienet qiegħda tqassam id-dħul *f’dividend*, dan apparti li mit-tagħrif li ngħata jirriżulta li hemm snin fejn kienet qiegħda topera b’telf.

“Anthony Attard (ID 579445M).

“Twieled fit-13 ta’ Lulju 1945. Għalhekk għalaq wieħed u sittin (61) sena fit-13 ta’ Lulju 2006, u llum għandu 68 sena.

“Ippreżenta prospett tal-qligħ li kellu għas-snin matul il-perjodu 2002-2007 (*foll*. 460-465):

“2002 ...... Lm8,050;
“2003 ...... Lm8,019;
“2004 ...... Lm7,957;
“2005 ...... Lm8,145;
“2006 ...... Lm8,377;
“2007 ...... Lm9,899.

“F’dan il-każ minn sena għall-oħra ma kienx hemm daqstant avarija fid-dħul. Dan ir-rikorrent jippretendi li l-kakoli jsiru fuq dħul annwali ta’ €23,000. Meta tqis l-awment fid-dħul li kien qiegħed jirreġistra matul is-snin, hu probabbli li din iċ-ċifra kienet tibqa’ togħla għalkemm mhux b’ħafna. Għalhekk tqis li dak li qiegħed jitlob hu raġonevoli.

“Fl-1 ta’ Jannar 2008 kellu 62 sena.

“Il-qorti qiegħda tibbaża l-kalkoli sal-età ta’ 71 sena, u għalhekk fil-każ ta’ dan ir-rikorrent it-telf ta’ qligħ hu ta’ €23,000 x 9½ snin = €218,500.

“Il-qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha tnaqqas xi persentaġġ minn din iċ-ċifra għall-fatt li parti mill-ħlas ser ikun qiegħed isir bil-quddiem. Illum għandu tmienja u sittin (68) sena u għalhekk m’hemmx dik l-inċertezza li tista’ tiġġustifika xi tnaqqis. Dan apparti r-raġunament l-ieħor li sar fil-każ tar-rikorrent ta’ qabel.

“Anthony Spiteri (ID 10748M).

“Qal li twieled fis-26 ta’ Diċembru 1947 (*fol*. 493). Għalhekk għalaq 61 sena fis-26 ta’ Diċembru 2008.

“Ippreżenta prospett tal-qligħ li kellu għas-snin matul is-snin 2003-2008 (*fol*. 489):

“2003 ...... €13,562;
“2004 ...... €13,534;
“2005 ...... €14,279;
“2006 ...... €16,003;
“2007 ...... €19,224;

“Hu evidenti li wkoll f’dan il-każ id-dħul tar-rikorrent baqa’ jiżdied. Għalhekk il-qorti ser tagħmel kalkoli fuq dħul ta’ €19,000 fis-sena.

“Fl-1 ta’ Jannar 2008 kien għadu ma laħaqx l-età pensjonabbli, u fil-każ ta’ dan ir-rikorrent il-kalkolu jrid isir fuq għaxar (10) snin. Dan ifisser €19,000 ×10 = €190,000.

“Fin-nota ta’ sottomissjonijiet li ppreżenta fis-16 ta’ Lulju 2013 ippretenda li l-kumpens jiġi kkalkolat a bażi ta’ dak li jingħad f’ittra li ntbagħatet lilu minn *Transport Malta* tat-2 ta’ Mejju 2012 (*fol*. 486). Il-qorti ma taqbilx ġaladarba d-dħul li ddikjara r-rikorrent hu ’l bogħod ħafna miċ-ċifri li jissemmew fl-ittra. Fid-dokument (*fol*. 489) li ppreżenta r-rikorrent jingħad: “*This is to certify that Mr Anthony Spiteri I.D. n. 10748M of La Mirage, Triq Clarence, Pietà, MSD07, Malta declared the following Gross Income, Tax paid and National Insurance contribution paid, for the following years …*”. Il-qorti ikkalkolat il-kumpens a bażi tad-dħul li ddikjara r-rikorrent stess, li tippreżumi hi l-verità u mhux xi ċifra falza bl-għan li jħallas inqas taxxa. Meta tara d-dħul li ddikjara r-rikorrent sal-aħħar tas-sena 2008 m’huwiex probabbli li s-sena ta’ wara (2009) kien ser iżid il-qligħ tiegħu b’100%.

“Dan ir-rikorrent qiegħed jippretendi wkoll kumpens għal dak li jiddeskrivi bhala l-valur tal-liċenza, billi argumenta: “Fil-każ odjern huwa possibbli li wieħed jasal għal valur tal-liċenza billi jirriżulta li l-awtorità intimata tat lill-ħaddiema oħra tax-xatt li għażlu jirtiraw is-somma ta’

Lm8,000 fis-sena għal għaxar snin (*cioè* Lm80,000) u ma' din żdiedet is-somma ta' Lm4,800 fis-sena għas-snin li kien għad fadal sabiex jilħqu l-età pensjonabbli. Dan ifisser li l-intimati qiesu li l-liċenza kellha valur ta' Lm80,000 jew ahjar 186,000 euro". Il-qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-raġunament *stante* li:-

"• mill-provi ma rriżultax li l-liċenza hi possediment li jista' jiġi nnegozjat. Ir-rikorrent Chircop xehed: "… il-liċenza tagħna ma tintiritx" (*fol*. 49);

"• il-kumpens talli bl-Avviż Legali ġiet kanċellata l-liċenza mal-għeluq ta' 61 sena diġà ġie likwidat hawn fuq;

"• jidher li l-kalkoli li setgħet għamlet l-awtorità m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-valur tal-liċenza *per se*, imma max-xogħol li wieħed kien qiegħed jitlef … minħabba l-iskema ta' *early retirement* li jidher li ġiet introdotta.

"Anthony Attard (ID 224645M).

"Twieled fit-12 ta' Marzu 1945. Għalaq l-età ta' 61 sena fit-12 ta' Marzu 2005.

"Fil-każ ta' dan ir-rikorrent, hu xehed li l-introjtu li kellu għas-snin 2003 sa 2007:

"2003 ...... €11,267
"2004 ...... €15,325
"2005 ...... €12,548
"2006 ...... €7,242
"2007 ...... €5,963

"Il-qorti ser tagħmel il-kalkoli fuq dħul ta' €7,000 ġaladarba fl-aħħar sentejn qabel ġie mċaħħad mil-liċenza d-dħul tiegħu kien diġà naqas konsiderevolement.

"Fl-1 ta' Jannar 2008 kellu 63 sena.

"Il-qorti qiegħda tibbaża l-kalkoli sal-età ta' 71 sena, u għalhekk fil-każ ta' dan ir-rikorrent it-telf ta' qligħ hu ta' €7,000 × 8 snin = €56,000.

"Danni mhux pekunjarji.

"Ir-rikorrenti jippretendu wkoll ħlas ta' somma flus bħala danni morali. L-Avukat Ġenerali jsostni li: "… sabiex persuna tingħata danni non pekunjarji trid tipprova li l-ansjetà tkun ta' ċertu intensità u li tali danni jingħataw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew f'każijiet ta' gravità eċċezzjonali".

"Illum hu stabbilit li fl-1 ta' Jannar 2008 ir-rikorrenti kollha ġew imċaħħdin minn liċenza li kellhom dritt għaliha. Dan wassal għal indħil gravi fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom, *cioè* l-liċenza li kienet għodda essenzjali biex jaqilgħu l-għixien tagħhom u tal-familja. Mal-bidu tas-sena 2008, meta normalment wieħed jiċċelebra l-bidu ta' sena ġdida, spiċċaw ma jistgħux ikomplu jaħdmu bħala *foremen* tax-xatt. … … … F'dan il-każ wara snin twal ta' xogħol ir-rikorrenti kollha sabu ruħhom bla xogħol u

bla qligħ. Fatt li fih innifsu kien biżżejjed biex inissel dwejjaq u ansjetà f'kull wieħed mir-rikorrenti.

"F'dan ir-rigward il-qorti qiegħda tillikwida s-somma ta' sitt elef euro (€6,000) pagabbli lil kull wieħed mir-rikorrenti għal darba waħda biss."

12. Il-konvenuti appellanti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-11 t'Ottubru 2013. L-aggravji tagħhom huma illi r-rimedju mogħti mill-ewwel qorti fil-forma ta' (i) danni pekunjarji u (ii) danni non-pekunjarji "ma kienx wieħed ġust". L-atturi wieġbu għall-appell fl-4 ta' Novembru 2013 u ressqu wkoll appell inċidentali bl-aggravju illi l-kumpens likwidat mill-ewwel qorti "kien baxx wisq tenut kont tal-portata tal-vjolazzjoni u tal-fatti u ċirkostanzi kollha tal-każ". Għal dan l-appell inċidentali l-konvenuti appellanti wieġbu fil-11 ta' Novembru 2013.

13. Inqisu l-ewwel l-appell ewlieni u nibdew bl-aggravju dwar id-danni pekunjarji. L-ewwel ilment tal-konvenuti appellanti taħt dan l-aggravju huwa illi l-ewwel qorti ma kellhiex tagħti kumpens pekunjarju, u illi dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni weħedha kienet tkun biżżejjed, meta tqis illi l-atturi kienet saritilhom offerta ta' kumpens kemm qabel ma daħal fis-seħħ l-Avviż Legali li dwaru saret il-kawża u kemm wara li ngħatat is-sentenza tal-ewwel qorti fis-7 ta' Novembru 2011, konfermata minn din il-qorti fit-28 ta' Ġunju 2012. Igħidu hekk:

"Mill-provi jirriżulta li qabel ma nħarġu r-regolamenti li bihom ġiet iffissata l-età tal-irtirar l-appellati kienu ngħataw l-offerta mingħand l-awtorità sabiex jirritornaw il-liċenza versu kumpens. F'dan ir-rigward issir riferenza għax-xiehda mogħtija in kontro-eżami minn Anthony Spiteri fis-6 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li qabel ma nħarġu r-regolamenti li stabbilew l-età tal-irtirar saritlu offerta ta' "ħlas għal perjodu ta' tliet snin, jiġifieri sakemm nagħlaq l-età ta' 61 serta. Dan għalija ma kienx *feasible* għax kelli kull dritt kieku baqgħet tiġi mġedda

l-liċenza tiegħi bħala *foreman* li naħdem sakemm ittini s-saħħa". Illi mill-provi jirriżulta li l-ebda wieħed mill-appellati ma aċċetta tali offerta."

14. Dan l-ilment ma huwiex ġustifikat. Mis-silta miġjuba hawn fuq jidher illi din l-ewwel offerta kienet għal kumpens biex dak li jkun jirtira *qabel* ma jkun għalaq wieħed u sittin sena, waqt illi l-meritu tal-kawża huwa dwar il-jedd tal-atturi li jkomplu jaħdmu *wara* li jkunu laħqu dik l-età.

15. Il-konvenuti jkomplu jgħidu:

"Illi mill-provi jirriżulta wkoll illi wara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mogħtija fis-7 ta' Novembru 2011 li għaddiet in ġudikat permezz ta' sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, l-appellati kienu ġew offruti lura l-liċenza ta' *foreman*."

16. Lanqas dan l-aggravju ma huwa ġustifkat. Kif sewwa osservat l-ewwel qorti, din l-offerta saret lill-atturi snin wara li kienu mġiegħla jerfgħu mix-xogħol, meta kienu tilfu l-avvjament tan-negozju tagħhom għax il-klijenti li kellhom kellhom bilfors imorru għand ħaddieħor. Li kieku aċċettaw l-offerta l-atturi kien ikollhom jibnu n-negozju mill-ġdid u ma kinux jiġġeneraw l-istess livel ta' dħul daqs li kieku baqgħu iħaddmu s-sengħa tagħhom bla interruzzjoni. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, l-għoti lura tal-liċenza lill-atturi ma kienx ikun rimedju tajjeb u biżżejjed.

17. Il-konvenuti jilmentaw ukoll illi:

"… … … l-ammont likwidat mill-ewwel qorti huwa wieħed eċċessiv u eżorbitanti. Illi l-ewwel qorti waslet għall-kalkolu tar-rimedju monetarju billi wżat l-istess kalkoli li jintużaw f'kawżi ordinarji ċivili, senjatament dawk ibbażati fuq tort."

18. Rimedju għal ksur ta' drittijiet jingħata sabiex min iġarrab dak il-ksur jitqiegħed kemm jista' jkun fil-pożizzjoni li kien ikun fiha li kieku dak il-

ksur ma jkux seħħ: jingħata *restitutio in integrum*. Rajna[1] illi *restitutio in integrum* bil-għoti lura tal-liċenza ma kienx ikun fattibbli fil-każ tallum u għalhekk ir-rimedju seta' jkun biss wieħed pekunjarju. Fil-fehma ta' din il-qorti l-eżerċizzju li għamlet l-ewwel qorti kien wieħed għaqli maħsub biex jiġi rimedjat il-preġudizzju li ġarrbu l-atturi. Fiċ-ċirkostanzi il-metodu ta' kalkolu ta' *lucrum cessans* adottat mill-ewwel qorti kien wieħed xieraq.

19. Il-konvenuti jilmentaw ukoll mill-fatt illi l-ewwel qorti ma qisitx il-prekarjetà tax-xogħol ta' *foreman* ta' ħaddiema tax-xatt, fis-sens illi *foreman* ma għandux garanzija ta' xogħol: jaħdem f'qasam fejn hemm kompetizzjoni u x-xogħol jiddependi mis-suq.

20. Huwa minnu illi x-xogħol tal-atturi kien wieħed prekarju, iżda ma huwiex minnu illi l-ewwel qorti ma qisitx dan fil-kalkoli tagħha. L-ewwel qorti ħadmet fuq il-medja tal-qligħ tas-snin ta' qabel u qieset ukoll it-tendenzi matul dawk is-snin. Ma jistax jingħad illi l-kalkolu tal-ewwel qorti kien arbitrarju, jew li ma tqisux fatturi relevanti bħal ma huwa dak tal-prekarjetà. Fil-fehma ta' din il-qorti ma hemm ebda raġuni gravi li għandha twassal biex jiġi disturbat l-eżerċizzju li għamlet l-ewwel qorti.

21. Fl-aħħarnett il-konvenuti appellanti jilmentaw illi:

> "… … … l-ewwel qorti ma għamlet l-ebda deduzzjoni [*sc.* tnaqqis] mill-ammont komputat għas-Sigurtà Soċjali. Dan qed jingħad *stante* li persuna li tkun għadha taħdem anke wara l-għeluq tal-wieħed u

[1] Para. 16, *supra.*

> ħamsin [*recte*, wieħed u sittin] sena xorta waħda trid tibqa' tħallas il-bolol sakemm tagħlaq il-ħamsa u sittin sena."

22. Il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali huwa kwistjoni bejn l-atturi u d-dipartiment relativ. Jekk l-atturi ma ħallsux il-kontribuzzjonijiet ma ħadu ebda vantaġġ li jimmerita tnaqqis fil-kumpens likwidat għax il-pensjoni li jirċievu tkun anqas milli kienet tkun li kieku baqgħu jħallsu l-kontribuzzjonijiet. Jekk tassew ma ħallsux il-kontribuzzjonijiet dan sejjer ikun ta' żvantaġġ, mhux ta' vantaġġ, għalihom.

23. L-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti – dak dwar danni pekunjarji – huwa għalhek miċħud.

24. It-tieni aggravju huwa dwar danni non-pekunjarji. Wara li jgħidu illi la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jagħtu "dritt assolut" għal kumpens għal danni non-pekunjarji, l-atturi jkomplu jgħidu hekk:

> "… … … l-ammont ta' €6,000 għal kull appellat huwa kunsidrat bħala eċċessiv u dan peress li dak li effettivament tat l-ewwel qorti kien €1,000 għal kull sena u *cioè* mis-sena 2007 sa 2013. L-esponenti jissottomettu li sabiex jiġu likwidati danni non-pekunjarji l-appellati kellhom jippruvaw li tpoġġew fi stat ta' ansjetà. Illi tali ansjetà trid tkun ta' ċertu intensità. Illi tali danni jingħataw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew f'każijiet ta' gravità eċċezzjonali. Illi l-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni li ġaladarba ma ġġedditx il-liċenza ta' *foreman* tal-appellati allura dan ġab miegħu bħala konsegwenza stat ta' ansjetà fuq l-appellati. L-esponenti jissottomettu li tali konklużjoni hija pjuttost superfiċjali u ma tinsabx sorretta bl-ebda prova prodotta mill-appellati. Illi fin-nuqqas ta' tali prova, l-esponenti jissottomettu li l-ebda danni non-pekunjarji ma kellhom jiġu likwidati mill-ewwel qorti."

25. L-atturi min-naħa l-oħra jgħidu illi ma hu minnu xejn illi danni non-pekunjarji jingħataw "biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew f'każijiet ta'

gravità eċċezzjonali"; anzi jgħidu illi meta tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ tallum l-ammont likwidat kien wieħed baxx.

26. Fil-fehma ta' din il-qorti għandhom raġun l-atturi safejn igħidu illi ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ kienu jimmeritaw danni non-pekunjarji. Il-fatt illi kienu mċaħħda mil-liċenza li kienet il-mezz tal-għixien tagħhom ma setax ma ħoloqx fihom stat ta' ansjetà u frustrazzjoni illi, abbinat mal-fatt li dan sar bi ksur ta' drittijiet fondamentali, jagħtihom jedd għal kumpens *oltre* dak mogħti għat-telf ekonomiku.

27. Fil-fehma ta' din il-qorti, iżda, huwa relevanti wkoll il-fatt illi fil-likwidazzjoni tad-danni pekunjarji l-atturi effettivament ingħataw kumpens għal xogħol illi ma għamlux. Sejrin jitħallsu bħallikieku baqgħu għaddejjin bix-xogħol meta fil-fatt dak ix-xogħol ma għamluhx u għalhekk dak il-ħin kollu setgħu jinqdew bih mod ieħor għall-vantaġġ u l-benefiċċju tagħhom. Dan huwa fattur li ma għandux jiġi skartat.

28. Wara li qieset dan kollu, u partikolarment illi l-atturi sejrin jingħataw il-vantaġġ li jitħallsu ta' xogħol li ma għamlux, il-qorti hija tal-fehma illi għandha tilqa' l-aggravju *in parte* billi tnaqqas il-kumpens għal danni non-pekunjarji minn sitt elef euro (€6,000) għal elfejn euro (€2,000) kull wieħed mill-atturi.

29. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali tal-atturi. Effettivament, dan jolqot meritu li ġà fil-parti l-kbira kien trattat meta l-qorti qieset l-appell ewlieni tal-konvenuti. Dwar id-danni non-pekunjarji l-atturi jgħidu:

> "L-ewwel qorti stabbiliet is-somma ta' sitt elef euro (€6,000) lil kull appellant bħala danni morali u dan peress illi l-ewwel qorti sabet li n-nuqqas ta' tiġdid tal-liċenza tal-esponenti wara snin twal ta' xogħol kienet biżżejjed biex nisslet dwejjaq u ansjetà f'kull wieħed mir-rikorrenti u dan peress illi l-esponenti sabu ruħhom bla xogħol u bla qligħ li wassal għal indħil gravi fil-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw introjtu għalihom u għall-għixien tal-familji tagħhom. Dan l-ammont l-appellati jqisuh wieħed baxx wisq meta tqis illi ngħataw biss elf euro (€1,000) għal kull sena u *cioè* mis-sena 2007 sas-sena 2013 li soffrew l-umiljazzjoni meta baqgħu jinsistu għal-liċenza proprjetà tagħhom u dan mhux biex joqogħdu jgawduha iżda biex jaħdmu. L-appellati ma riedu xejn ta' ħaddieħor – riedu biss id-dritt tagħhom li jaħdmu. L-umiljazzjoni, dwejjaq u ansjetà li soffrew ġej mill-fatt illi l-liċenza tagħ-hom ma tteħditx għall-ġid komuni iżda ttieħdet sabiex jiġu aġevolati parenti ta' persuni li kienu midħla tal-partit fil-gvern ta' dak iż-żmien. Ix-xogħol tal-appellati ġie misruq mingħandhom sabiex ingħata lil dawn il-parenti tal-qalba li ma kellhomx xogħol bħala *foremen*."

30. Fil-fehma ta' din il-qorti, għar-raġunijiet mogħtija fuq[2], l-atturi ngħataw kumpens biżżejjed għad-danni morali bil-fatt illi sejrin jitħallsu bħalli-kieku baqgħu jaħdmu regolarment meta fil-fatt ix-xogħol ma għamluhx. Għalhekk il-kumpens ta' sitt elef euro (€6,000) mogħti mill-ewwel qorti mhux biss ma għandux jiżdied iżda ġà huwa wisq u għalhekk, ukoll għar-raġunijiet mogħtija fuq, sejjer jitnaqqas minn din il-qorti għal elfejn euro (€2,000) kull wieħed.

31. Dwar danni pekunjarji l-atturi fissru l-aggravju tagħhom hekk:

> "… … … l-ewwel onorabbli qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-fatt li n-negozju tagħhom kien wieħed qiegħed jikber, u li l-liċenza *per se* kellha valur monetarju qawwi. Il-likwidazzjoni kellha ssir fuq bażi ta' negozju billi l-liċenza tiġi konsidrata bħala waħda li ġġib magħha *goodwill* li jakkumula fuq is-snin bis-servizz tajjeb li wieħed ikun qiegħed jirrendi. Dan in-nom fil-kummerċ tagħhom ġie annjentat kompletament bl-azzjoni li ħa l-gvern u ta' dan l-esponenti ma ġewx pjenament kompensati billi l-kumpens kien wieħed limitattiv għat-telf attwali u mhux għat-telf tal-*goodwill* li tiġġenera lienzja. L-esponenti jsostnu illi l-*goodwill* hija *asset* b'valur ekonomiku u għalhekk hija wkoll possediment għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll."

2 Para. 27, *supra*.

32. Kif osservat l-ewwel qorti, u ma ġiex kontestat mill-atturi, "mill-provi ma rriżultax li l-liċenza hi possediment li jista' jiġi nnegozjat". Meta jerfgħu mix-xogħol l-atturi ma setgħux jittrasferixxu l-liċenza lil ħaddieħor bi ħlas. Billi l-ewwel qorti illikwidat kumpens pekunjarju saż-żmien meta l-atturi kienu jerfgħu mix-xogħol minħabba l-età fiżika u mhux l-età legali, tathom kumpens għall-benefiċċji kollha li setgħu jgawdu mil-liċenza.

33. Għandu jingħad ukoll illi l-ewwel qorti fil-ġudizzju għaqli tagħha qieset kemm il-possibilità li x-xogħol jiżdied, kif igħidu l-atturi, u kemm il-possibilità li jonqos, minħabba f'dik li l-konvenuti sejħulha l-prekarjetà tax-xogħol tal-ħaddiema tal-port. Din il-qorti ma tarax li għandha tiddisturba dan il-ġudizzju tal-ewwel qorti.

34. Fl-aħħarnett l-atturi jilmentaw illi l-ewwel qorti illikwidatilhom kumpens biss sakemm jagħalqu l-età ta' wieħed u sebgħin sena, u jippretendu illi l-kumpens kellu jasal sa età ogħla.

35. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti, "meta l-qorti tillikwida telf ta' qligħ futur tkun qiegħda fil-kamp ta' inċertezza meqjus li m'huwiex magħruf kemm ir-rikorrent kien ser jibqa' jagħmel dan ix-xogħol". Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti hija tal-fehma illi l-ewwel qorti nqdiet b'mod għaqli bid-diskrezzjoni tagħha u qagħdet fil-limiti ta' dak li huwa raġonevoli, u hawn ukoll din il-qorti ma tarax illi għandha tiddisturba l-ġudizzju tal-ewwel qorti, li tqisu ġust, għaqli u raġonevoli.

36. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell inċidenali huwa miċħud.

37. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell u mill-appell inċidentali billi tiċħad l-appell inċidentali u tilqa’ biss *in parte* l-appell ewlieni: tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn ikkundannat lill-Gvern ta’ Malta kif rappreżentat mill-konvenuti appellanti jħallas sitt elef euro (€6,000) lil kull wieħed mill-atturi bħala kumpens għal danni mhux pekunjarji, u, minflok, tikkundanna lill-Gvern ta’ Malta jħallas elfejn euro (€2,000) lil kull wieħed mill-atturi bħala kumpens għal danni mhux pekunjarji. Tikkonferma s-sentenza fil-bqija u fil-kap tal-ispejjeż. L-ispejjeż tal-appell inċidentali jħallsuhom l-atturi; l-ispejjeż tal-appell ewlieni jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsuh l-atturi u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------